MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 9/2010

**Carmel Spiteri f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-imsiefer ibnu Garry Spiteri; Tereza mart l-istess Carmel Spiteri; Rita xebba Spiteri; Maria xebba Spiteri; u l-istess Carmel u Tereza konjugi Spiteri bhala legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Giovanna Spiteri**

**vs**

**Baskal Saliba**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi fil-lejl tas-7 ta' Ottubru 2007 ghall-habta tal-erbgha u erbghin minuta ta' filghodu, Sammy Spiteri ta' disgha u ghoxrin (29) sena kien qieghed isuq karozzi tal-marka Mitsubishi Lancer bin-numru ta' registrazzjoni EAW-599 li

kienet tinsaq mid-direzzjoni tal-Pjazza San Frangisk lejn ix-Xewkija, Ghawdex;

2. Illi f'xi hin wasal fi Triq Ghajn Qatet, gewwa r-Rabat, Ghawdex u ezattament quddiem binja fuq in-naha tax-xellug kien hemm tower crane tal-marka Ganza li kienet qeghdha tintuza mill-istess konvenut ghax-xoghol ta' kostruzzjoni minghajr din ma kellha l-permess tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, Ghawdex u minghajr ma ttiehdu dawk il-prekawzjonijiet u mizuri rikjesti mil-ligi (bhal *barriers* madwar l-istess crane u dawl adegwat u sinjali ohra) sabiex jassiguraw li sewwieq li jkun ghaddej fl-istess triq ikun jista' jirrealizza minn certu distanza l-perikolu li hemm quddiemu kkawzat b'dan l-ostakolu u dana kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-istess kawza;

3. Illi konsegwenza ta' hekk il-Mitsubishi Lancer (EAW-599) habtet fis-sieq (outrigger) ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-istess crane li kienet sporguta ghal go l-istess triq u din tqactet minn postha bir-rizultat li l-istess tower crane zbilancja mill-ippustjar tieghu u nqaleb fuq il-genb tal-lemin tieghu u diversi blokki ta' konkrete li kellu armati fuqu sabiex iservu ta' kontra piz inqalbu fuq il-karozza (EAW – 599), sfrondaw is-saqaf taghha u ghaffgu lid-driver, Sammy Spiteri li tilef hajtu fuq il-post;

4. Illi ghalhekk ghall-istess incident hawn fuq deskritt huwa hati l-istess konvenut li b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu kif ukoll b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' Sammy Spiteri u li ghall-istess mewt tieghu l-istess konvenut huwa unikament responsabbli;

5. Illi kawza tal-istess incident hawn fuq imsemmi, l-atturi li huma eredi tal-istess Sammy Spiteri sofrew danni kemm materjali kif ukoll fi kwalita' ta' *lukrum cessans*, li ghalihom huwa responsabbli l-istess konvenut;

Ghaldaqstant l-atturi qeghdin jitolbu lil din il-qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident hawn fuq deskritt li fih tilef hajtu l-istess Sammy Spiteri, liema incident gara unikament minhabba n-nuqqas ta' hsieb, traskuragni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tal-istess konvenut kif ukoll minhabba n-nuqqas tieghu li jhares ir-regolamenti da parti tal-istess konvenut;

2. Tillikwida ghalhekk l-istess danni kollha, kemm materjali kif ukoll fi kwalita' ta' *lucrum cessans*, sofferti mill-istess atturi u kkagunati mill-istess konvenut minhabba l-incident hawn fuq imsemmi, li ghalih huwa responsabbli unikament l-istess konvenut;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti minnhom u likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-4 ta' Marzu 2008 u 25 ta' Awwissu 2009 kontra l-istess konvenut li qieghed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi.
Rat li fir-risposta guramentata l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi, in kwantu huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

2. Illi, kif ghandu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dan l-incident tragiku mertu ta' din il-kawza wisq sfortunatament sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u/jew nuqqas ta' osservanza tal-ligi da parti tal-istess Sammy Spiteri;

3. Illi ma kien hemm ebda att jew ommissjoni attribwibbli lill-eccipjenti li jista' b'xi mod jigi kkunsidrat bhala li wassal biex l-incident isehh in promo luogo.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi din il-kawza titratta dwar incident li sehh fis-7 ta' Ottubru 2007 bejn is-Sibt u l-Hadd bil-lejl fi Triq Ghajn Qatet, Ir-Rabat, Ghawdex fil-karreggjata tan-naha tal-lemin meta mid-direzzjoni tal-Pjazza San Frangisk tkun sejjer lejn ix-Xewkija liema triq hija one-way li tidhol ghaliha mill-pjazza msemmija. F'dan l-incident Sammy Spiteri tilef hajtu.

Ghalhekk l-eredi tieghu pprocedew bil-kawza odjerna sabiex jigu likwidati danni favur taghhom peress li jallegaw li l-konvenut jahti ghall-akkadut. Infatti l-atturi qeghdin jallegaw li l-crane apparti li ma kellux il-permessi tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ma kienux ittiehdu l-prekawzjonijiet u mizuri rikjesti mil-ligi bhal per ezempju barriers madwar l-istess crane u dawl adegwat u sinjali ohra sabiex jassiguraw li s-sewwieq ikun jista' jirrealizza minnu certu distanza l-perikolu quddiemu.

L-allegazzjoni tal-atturi hija li l-Mitsubishi Lancer habtet fis-sieq ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-crane li kienet sporguta u din tqactet minn postha u l-crane zbilancja ruhu u nqaleb fuq il-genb tal-lemin u diversi blokki ta' konkrete li kienu armati fuqu sabiex iservu ta' kontro-piz inqalbu fuq il-karozza, sfrondaw is-saqaf tal-istess karozza u ghaffgu lil Sammy Spiteri li miet fuq il-post.

Il-konvenut jichad li huwa ghandu jinzamm responsabbli ghal dan l-akkadut.

<u>Responsabilita' ta' l-incident</u>

Il-Qorti ghalhekk trid tiddetermina x'kienet il-kawza tal-accident li b'konsegwenza tieghu tilef hajtu Sammy Spiteri.

Illi qabel xejn mir-rizultanzi processwali rrizultaw is-segwenti fatti dwar it-Tower Crane:

- Fi Triq Ghajn Qatet, ir-Rabat, Ghawdex quddiem binja fuq in-naha tax-xellug kien hemm Tower Crane li kien armat fuq il-post sabiex jintuza' ghal xoghol ta' kostruzzjoni mill-konvenut Baskal Saliba.

- It-tower crane tal-marka Ganza intrema proprju filghodu fil-gurnata ta' l-akkadut[1]. Skont il-konvenut intrema fil-weekend peress li jghaddi anqas traffiku fit-triq.

- Dan kien *self-erecting mobile tower crane* b'erba' saqajn li jissejhu *outriggers.* Il-Perit Angelo Portelli[2] xehed li s-saqajn tat-tower crane ma kienux jistriehu direttament fuq it-tarmac ghaliex tahthom kellhom serratizzi tal-injam.

- Jirrizulta wkoll li ma kien inhareg ebda permess ai termini tar-Regolamenti dwar Attivitajiet li Jehtiegu Permess Mill-Kunsill Lokali[3] sabiex ikun hemm crane fit-Triq fejn sehh l-incident f'dik id-data u gurnata[4]. Dan il-crane kien inxtara gdid minn Baskal Saliba xi sena u nofs qabel l-incident.

- Irrizulta wkoll li dan il-crane kellu dawl wiehed. Dan anki kif xehed fl-affidavit tieghu l-istess konvenut. In kontro-ezami[5] xehed hekk: *"Dakinhar tal-incident jiena kelli dawl wiehed. Din tkun, hija tonda, tkun tpetpet bhal hazard light. Il-kulur huwa isfar.* Xehed ukoll li d-dawl kien fis-sieq li habtet fiha l-vettura u li d-dawl jixghel wahdu kif jidlam.

---

[1] Affidavit ta' Baskal Saliba a fol 103 tal-process; xhieda ta' George Sacco fis-16 ta' April 2009 fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Baskal Saliba'
[2] Espert nominat fl-inkjesta mill-Magistrat Inkwirenti Dr Paul Coppini, a fol 77 tal-process
[3] Leg. Suss. 441.04
[4] Xhieda ta' Miriam Attard fis-16 ta' April 2009 fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet' Il-Pulizija vs Baskal Saliba', Segretarju; kif ukoll kif mistqarr mill-istess konvenut fl-affidavit tieghu
[5] A fol 109 tal-process

- L-Inginier David Abela[6] ukoll ikkonferma li *kulma kien hemm kien hazard light minn dawk is-sofor li naraw fit-triq.* L-espert Joseph Zammit[7] li zamm ukoll access fuq il-post ftit sieghat wara li sehh l-impatt xehed li kien hemm indikazzjoni li kien hemm dawl mal-crane peress li kien hemm bicciet ta' fanal fit-triq.

- Paul Scicluna[8] ikkonferma li ra bozza mal-crane tteptep meta dahal id-dar fit-3.30a.m. cjoe' ftit qabel ma sehh l-incident. In kontro-ezami qal li l-bozza kienet mas-sieq tal-crane li tmiss mal-bankina u kienet itteptep wahda f'wahda.

- Ma kien hemm ebda barrier mad-dawra tal-crane[9]. L-istess konvenut in kontro-ezami xehed li huwa qatt ma jibni xi hajt tal-bricks madwar it-tower crane.

Illi dwar Sammy Spiteri rrizulta s-segwenti:

- Sammy Spiteri kien qieghed isuq il-vettura tal-Marka Mitsubishi Lancer Registrazzjoni Numru EAW-599. Dak il-hin huwa kien se jirritorna d-dar. Dakinhar huwa kellu l-eta' ta' 23 sena[10].

- Irrizulta wkoll mill-ezamijiet tossikologici li saru fuq il-mejjet is-segwenti: *"The Blood alcohol level was 106mg/100ml; this blood alcohol level is higher than the legal limit of 80mg/100ml for driving in Malta. The drug Methylenedioxymethamphetamine (MDMA, Ecstasy) was found in blood (2.7mg/l)"* Gie konkluz ghalhekk li *"At the time of the accident, the deceased was in all probability under the influence of alcohol and ecstasy"[11].*

---

[6] Espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti
[7] Nominat mill-Magistrat Inkwirenti
[8] A fol 115 tal-process – Id-dar ta' dan ix-xhud hija faccata ta' fejn kien armat it-tower crane. Dan gie wkoll ikkonfermat mix-xhud fl-atti tal-kumpilazzjoni George Sacco fis-seduta tas-16 ta' April 2009.
[9] Il-konvenut in kontro-ezami a fol 109 tal-process
[10] Skont ic-certifikat tat-twelid tieghu
[11] A fol 104 fl-atti tal-kumpilazzjoni 'Il-Pulizija vs Baskal Saliba'

- Gie stabilit ukoll li qabel ma sehh l-incident il-karozza ma sofriet minn ebda hsara teknika[12].

- Ma nstabu ebda brake-marks.
- Bhala *cause of death* insibu li gie stabbilit bhala li sofra *'laceration lung (left) – crush injury'.*

Illi hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Micallef St. John et vs Richard Spiteri[13]** mhux kull infrazzjoni tar-Regolamenti tat-Traffiku jew agir skorrett jew delittuz minn xi parti nvoluta fl-incident stradali hija necessarjament relevanti ghad-determinazzjoni tar-responsabilita' ghalih.

Ghalhekk l-indagini li trid taghmel il-qorti hija li tiddetermina x'kienet il-kawza prossima w immedjata ta' l-incident u jekk il-persuni nvoluti bil-komportament taghhom kienux direttament ipprovokaw l-incident jew ikkontribwewx ghalih.

Infatti f'dan il-kaz appena citat, il-Qorti ta' l-Appell irrimarkat li l-fatt li sewwieq ma kellux licenzja tas-sewqan u ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni waqt li kien qieghed isuq, fih innifsu, ma kienx jikkostitwixxi prova rilevanti ai fini ta' responsabbilita' jekk ma jigix pruvat illi s-sewwieq saq b'mod negligenti w imprudenti u li kien minhabba f'hekk li sehh is-sinistru. L-istess inghad dwar il-fatt li l-pedestrian f'dak il-kaz waqt li kien qieghed jigri seta' ma osservax dak li huwa suggerit mill-Highway Code li kellu jaghmel waqt li kien qieghed jittrenja biex jipprotegi ruhu kontra l-possibilita' ta' incident.

Dan kollu qieghed jinghad u gie premess peress li fil-kawza in dizamina rrizulta li kemm il-konvenut kif ukoll Sammy Spiteri kkommettew xi infrazzjonijiet.

Infatti gie kkonfermat mill-esperti li s-sewwieq Sammy Spiteri kien qieghed isuq b'velocita' kbira. Dan huwa evidenzjat mill-mod u mill-hsara fil-faccata tal-vettura[14]. L-espert Joseph Zammit ukoll xehed li :

[12] Rapport tal-espert Joseph Zammit
[13] Appell Nru: 205/93 deciza fil-15 ta' Jannar 2002
[14] Xhieda ta' l-Inginier Abela a fol 91 tal-process

*"Il-hsara fil-vettura fejn sehh l-impatt u l-outrigger kienet estensiva. Mill-hsara li rajt fil-parti ta' quddiem tal-vettura jiena nikkonkludi li l-ispeed kien pjuttost elevat u f'dan ir-rigward qed nirreferi ghall-hsara frontali li kellha l-vettura.."*

Il-qorti hawnhekk tirreferi ghal dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Pace vs Antoine Bartoli**[15]**:**

*"Il-fatt li sewwieq ikun qed isuq karozza b'velocita' eccedenti l-ispeed massimu regolamentari, jekk dan ma jkunx il-kawza determinanti tal-kollizzjoni, huwa m'ghandux jinstab responsabbli lanqas fi grad ta' kontributorjeta' purche l-ispeed tieghu ma jkunx dak li jista' jissejjah 'sfrenat'".*

Oltre' dan irrizulta mill-ezamijiet tossikologici li l-livell ta' alcohol fid-demm kien oltre' dak permess mil-ligi u nstab ukoll li kien taht l-effett ta' l-ecstasy.

Min-naha l-ohra rrizulta li t-tower crane gie armat bla permess mill-Kunsill Lokali, li kellu biss dawl wiehed u li ma kellux barriers madwaru u ma kien hemm ebda sinjali li juru li kien hemm crane fit-triq.

Illi l-fatt li t-tower crane kien armat minghajr permess mhux relevanti ai fini tal-kwistjoni odjerna. Infatti ma jirrizultax li qabel ma jinhareg tali permess il-Kunsill Lokali jibghat lil xi hadd biex jassikura li l-crane ma jkunux ta' perikolu ghall-utent tat-triq. Kulma jsir huwa applikazzjoni u l-applikant jinghata kopja ta' l-Avviz Legali relevanti. Ghalkemm ikun ferm desiderabbli li tali spjezzjoni tibda ssir qabel il-hrug tal-permess. Infatti l-Inginier David Abela fir-rapport tieghu fl-inkjesta Magisterjali rrakkomanda li: *"crane erectors are trained and certified by an independent body. Also, when a crane is erected, it is inspected for its stability and safety by a qualified third party who will then certify its operation. This should be a minimum requirement by the competent authorities before issuing the relevant permits. The certificate is also to*

[15] Deciza fis-27 ta' Gunju 2003

*cover the erection and protection needed after erection, not just the mechanical soundness of the crane itself.*

*Furthermore, any deficiencies in terms of proper lighting and proper barrier protection should have been seen before the permit was issued. Conditions for better safety of the crane and users of the road should have been imposed with the permit to erect the crane".*

Kif diga' gie rilevat aktar 'il fuq f'dan il-kaz ebda permess ma kien inhareg biss pero' xorta ma rrizultax li jsir xi access qabel ma jinhareg il-permess. Ghalhekk tali rakkomandazzjoni hija relevanti u desiderabbli li tigi attwata.

Oltre' dan l-istess konvenut xehed li dan il-crane kien intrema f'diversi lokalitajiet ohra. Jinghad pero' wkoll li l-fatt li sakemm dam armat dan it-tower crane fit-triq ma sehh l-ebda incident iehor lanqas mhu relevanti.

L-Inginier David Abela ghamel is-segwenti osservazzjonijiet li rrizultawlu waqt l-access:

1. The car collided with the outer outrigger (leg) of the self-erecting tower crane.

2. The force of the impact dislodged the leg of the crane causing the crane to lose its balance and topple over.

3. The locking dowel pin of the leg was sheared in two pieces when the leg swung out of its locked position – either by the force of the impact with the car or when the crane toppled over and hit the ground.

4. Some of the crane's concrete counter weights fell on the front part and roof of the car when the crane toppled over.

5. The boom and jib of the crane came to rest on the roof parapet wall of house no. 137 across the road and in the road itself.

6. The boom and jib of the crane were damaged and bent out of their alignment when the crane fell on the parapet wall and ground.

7. Stone blocks from the parapet wall of house no. 137 fell on a derelict car which was parked in front of the same house.

8. The crane's boom and jib came to rest very close to the street electricity wires installed along the wall of house no. 137.

9. The yellow hazard flashing light which was attached to the crane's outer leg was smashed and the pieces lay on the ground near the crane's leg.

Minn dawn l-osservazzjonijiet l-Inginier Abela gibed dawn il-konkluzjonijiet:

1. The self-erecting tower crane toppled over because one of its outriggers (legs) was swung out of its locking position and the pad foot was simultaneously knocked off its timber packing (levelling) blocks. The outrigger pad plate of that leg was also dislocated from the pad shaft.

2. Since the crane is stable on four level outrigger legs and pads, having one leg out of its locked operating position caused the crane to unbalance.

3. The dislodgement of any of the packing timber will also cause the crane to become unstable.
4. The direction in which the crane toppled was determined by the position of the counter wieghts at the instant of the collision. The direction was in such a way that caused the counter weights to fall on top of the car.

**5. In my opinion, the yellow hazard flashing light was not enough to indicate that there is such an obstacle in the road and this is aggravated by the fact that there is little street lighting in the area[16].**

---

[16] Enfazi tal-qorti

**6. It is also my opinion that in such cases of a crane erected in a road, albeit at the side, the crane should be better illuminated at night. Especially with this type of crane a solid barrier (e.g. concrete barriers) should surround and protect the base of the crane. Otherwise the road should be closed to vehicular traffic[17].**

**7.** From the fact that the leg of the crane was completely dislodged from its base and the holding pin completely shared means that the impact was very strong. This indicates that the speed of the car at the moment of the impact was rather high.

Tenut kont ta' tali konkluzjoni u tenut kont li din hija opinjoni ta' natura teknika u l-qorti ma tqisx li ghandha tiddiskosta ruhha minnha. M'hemmx dubju li dawl wiehed biss ma kienx adegwat ghalkemm diversi xhieda qalu li l-crane kien jidher xorta wahda. In-nuqqas ta' barriers u nuqqas ta' senjaletika wkoll m'ghenitx.

Illi l-istess manual dwar it-tower crane esebit mill-konvenut innifsu[18] jirrizulta s-segwenti:

*"It is necessary to arrange an enclosure placed at m 0.7 around the ballast slewing radius to avoid the people access and the materials laying in the slewing area.*

*The enclosure must isolate all the concerned area and must be provided with a lock access[19]".*

*"1.13.2 – Safety Signals*

*The purpose of the safety signals is attracting the attention on dangerous objects and situations in a quick and understandable way.*

[17] Enfazi tal-qorti
[18] Dok BS 1
[19] 1.12

*In no case the safety signals can take the place of the necessary protection measures; the signals must be used only for safety warnings.*

*The efficacy of the signals depends on the wide and repeated information to all the people for which it can be useful.*

*Safety and contrast colours and the appropriate symbol colours must be used in compliance with the regulations in force.*

*----omissis----*

*The sign must be visible and illuminated if necessary"*

Biss pero' il-qorti ma tistax tinjora f'dan il-kaz is-sewqan b'velocita' qawwija u l-fatt li Sammy Spiteri kien qieghed isuq taht l-influwenza tax-xorb u droga.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Richard Fenech vs Rook Construction Limited**[20] jinghad li:

*"Jinsab ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi "hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' driver li jzomm dik li komunement tissejjah 'a reasonable careful look-out', liema dmir igib mieghu li d-driver jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli" – "**Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri et**", Appell Civili, 23 ta' Frar 1962 (Vol. XLVI P I p 112);*

*Issokta mbaghad jigi amplifikat, bl-ghajnuna tal-hsieb traccjat mill-opra "La Responsabilita` della Circolazione Stradale", Cigolini, Ed. 1955, pagna 227, illi, "nelle ore notturne e` necessaria una particolare prudenza nel regolare la velocita` perche` la visibilita` e` limitatissima e soggetta ad errori ed equivoci e si corre il rischio di*

[20] Cit Nru: 1997/1997PS deciza fit-3 ta' Ottubru 2003

*trovarsi improvvisamente di fronte ad ostacoli” – “**Francesco Mifsud et –vs- Ivan Cortis**”, Appell Civili, 20 ta’ Marzu 1967 (Vol. LI P I p 210)”*

F’dan il-punt, il-qorti tirreferi ghall-kostatazzjonijiiet u konkluzjonijiet ta’ l-espert Joseph Zammit kif ukoll ghal dak li xehed:

*“Minn ezamijiet li l-esponent ghamel fuq din il-Mitsubishi sabiex jistabilixxi l-kawza tat-telf ta’ kontroll tal-vettura u cioe’ meta mid-direzzjoni ta’ Pjazza San Frangisk kien qieghed jinstaq fi Triq Ghajn Qatet fid-direzzjoni tax-Xewkija, li minhabba dan it-telf il-vettura gibdet fuq in-naha tal-lemin fejn hemm jinsab armat it-tower crane in kwistjoni u din habtet mas-sieq (l-outrigger) li bid-daqqa s-sieq tqactet u l-crane gie zbilancjat u nqaleb ghal fuq il-genb tal-lemin tieghu bit-tower jib u dak orizzontali b’kollox[21]”.*

Illi huwa kkonkluda s-segwenti:

*“ 1) Illi fil-lejl tas-7 ta’ Ottubru 2007, ghall-habta tal-erbgha u erbghin minuta ta’ filghodu, fi Triq Ghajn Qatet, gewwa Victoria, Ghawdex, sehh incident tat-traffiku meta karozza tal-marka Mitsubishi Lancer bin-numru ta’ registrazzjoni EAW-599 kienet qed tinstaq mid-direzzjoni tal-Pjazza San Frangisk lejn ix-Xewkija fit-triq imsemmija, misjuqa minn Sammy Spiteri ta’ 29 sena, u dan tilef il-kontroll, il-vettura gibdet ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq fil-kareggata tal-lemin fejn hemm kien jinsab armat tower crane kbir wieqaf bil-jib orizzontali jhares lejn id-direzzjoni ta’ Pjazza San Frangisk.*

*2) Illi l-Mitsubishi Lancer habtet fis-sieq (outrigger) ta’ quddiem tan-naha tal-lemin li tqactet minn postha.*

*3) Illi konsegwenza ta’ hekk it-tower crane zbilancja mill-ippustjar tieghu u nqaleb fuq il-genb tal-lemin tieghu b’diversi blokki tal-konkos li kellu armat fuqu t-tower crane sabiex iservu ta’ kontra piz, diversi minnhom inqalbu u*

[21] Rapport fl-atti ta’ l-inkjesta

*gew fuq il-karozza li sfrondaw is-saqaf u ghaffgu lid-driver li tilef hajtu fuq il-post.*

*4) Illi t-triq Ghajn Qatet hija 'one way traffic' li tidhol ghaliha biss minn Pjazza San Frangisk.*

*5) Illi minn ezamijiet teknici li l-esponent ghamel fuq il-vettura nvoluta, dik Mitsubishi, l-esponent ma sab l-ebda fault li sehh qabel l-incident u ghalhekk l-esponent jeskludi li dan l-incident sehh minhabba xi hsara teknika li l-vettura setghet garbet qabel l-incident."*

Fix-xhieda tieghu fl-atti tal-kumpilazzjoni Joseph Zammit gie mistoqsi minn fejn kien gej is-sewwieq it-triq hijiex li tilwi u ghalhekk is-sewwieq riedx jilwi fuq in-naha fejn kien hemm il-crane u b'hekk kien qieghed jigi suggerit li Spiteri ma kellux vista ta' dan il-crane l-espert wiegeb *"illi fil-parti fejn sehh l-incident, it-triq hija dritta u hija wiesgha. Nghid madankollu illi mid-direzzjoni li kien gej dan is-sewwieq kellu minn fejn jghaddi u li kieku baqa' isuq fil-karreggjata tieghu u cioe' fil-linja tas-sewqan tieghu ma kien jigri xejn ghaliex is-sewwieq mar kompletament fuq in-naha l-ohra".*

Illi rrizulta anke minn xhieda ohra li l-crane kien armat fil-parti wiesgha tat-triq. PS 1040 John Grima[22] xehed li bejn fejn kien wieqaf il-crane u n-naha l-ohra tat-triq kienet tghaddi karozzi sewwa. B'kalkolazzjoni fuq ghajnejh sostna li dik kienet l-aktar parti wiesgha tat-triq fejn sehh l-incident. George Sacco fl-istess seduta xehed li bejn il-crane u l-hajt tal-faccata l-ohra kienet tghaddi karozza sew. Skontu, il-crane kien jidher u t-triq hija wiesgha. Dan ukoll gie kkonfermat in kontro-ezami minn Joseph Zammit[23].

Illi rrizulta li l-vettura EAW-599 ma kellhiex hsarat teknici qabel l-impatt. Il-qorti hija konvinta li Sammy Spiteri sab ruhu f'sitwazzjoni daqstant ta' emergenza tort tas-sewqan eccessiv tieghu, tort ta' l-influwenza tax-xorb u droga li certament jaffettwaw ir-riflessi ta' l-individwu. Ghalhekk

[22] Seduta tas-16 ta' April 2009 fl-atti tal-kumpilazzjoni
[23] Seduta tad-9 ta' Lulju 2009 fl-atti tal-kumpilazzjoni a fol 194 tal-process

huwa ma zammx *a proper look out.* Infatti rrizulta li fejn sehh l-incident it-triq hija dritta u wiesgha u s-sewwieq kieku baqa' jsuq fil-karreggjata tieghu kellu minn fejn jghaddi. L-espert Joseph Zammit[24] in kontro-ezami qal hekk:

*"Qed nigi mistoqsi jekk vettura li tkun gejja mid-direzzjoni minn fejn kien gej dan is-sewwieq setax jinduna bil-crane, nghid illi rrizulta li mill-access illi fil-fatt il-crane anke kellu sistema ta' dawl imdawwar mieghu tant illi fuq il-post sibna fanal imkisser fl-art li kellu katina li kien jindika li dan id-dawl kien marbut mal-genb tal-crane. Pero' ovvjament jiena ma nistax nghid jekk dan id-dawl kienx qed jixghel jew le fil-mument tal-incident[25]. Nghid illi l-crane apparti d-dawl huwa oggett li kien jidher. Nghid illi t-triq hija fl-abitat ukoll u ghalhekk hija triq imdawwla".*

Sewwieq prudenti u attent kien jirrealizza f'hin utili u tempestivament b'dak li kellu quddiemu biex jevita s-sinistru izda huwa ovvju li minhabba l-effett li tahtu kien Sammy Spiteri huwa ma ndunax bid-dawl (anki jekk kien fanal wiehed it-tower crane kien jidher) u l-velocita' fis-sewqan tieghu ma hallilux ikollu taht kontroll shih tal-vettura tieghu b'mod li jippermettilu jnaqqas u jew iwaqqaf l-istess vettura. Tant dan huwa minnu li lanqas brake-marks ma nstabu li jfisser li Sammy Spiteri tant li sehhet head-on collision. Fil-fehma tal-qorti meta Spiteri induna bit-tower crane tant kien ghaddej b'velocita' eccessiva li anki jekk proprju fl-ahhar ipprova jiskapulah ma setax jikkontrolla l-istess vettura.

Mal-impatt qawwi mas-sieq tal-crane, l-istess sieq tqactet u tqaccat ukoll id-dowel locking pin. L-Inginier Abela in kontro-ezami[26] assuma li l-pin tqaccat mal-impatt bejn il-vettura u t-tower crane minhabba l-vjolenza tal-impatt. L-espert Joseph Zammit ukoll ikkonkluda li kien bl-impatt li s-sieq tal-crane tqactet bil-konsegwenza li l-crane zbilancja ruhu. L-Inginier Abela spjega wkoll li f'kull

---

[24] Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2009 fl-atti tal-kumpilazzjoni
[25] Paul Scicluna li jghix faccata ta' fejn kien armat it-tower crane xehed li anqas minn siegha meta sehh l-incident huwa ra l-bozza tteptep
[26] A fol 91 tal-process

wiehed mis-saqajn hemm pad. F'wahda mis-saqajn giet imqaccta. Din hija s-sieq li cediet. Huwa spjega li:

*"Apparti fic-channel hemm zewg guards. Il-blocks tal-konkrit ghandhom zewg toqob u jibqghu dehlin f'dawn il-guards. Ghalhekk meta jkunu tqeghdu dawn il-blocks tal-konkrit f'dawn il-guards jekk jeghleb it-tower crane dawn il-blocks tal-konkrit mhux suppost illi jaqghu. Din ir-rod nikkalkula li tkun aktar minn zewg metri. Dawn il-blocks tal-konkrit jidhlu fuq iz-zewg nahat tat-tower crane. Din ir-rod tkun flash mal-block tal-konkrit jew ikunu aktar 'l isfel mill-wicc taghha".*

Irrizulta wkoll li Sammy Spiteri miet b'konsegwenza li waqghu l-blokki tal-konkrit fuq is-saqaf tal-karozza u tghaffeg.

Dan premess il-qorti hija tal-fehma li ghalkemm Sammy Spiteri bla ebda dubju ma zammx *a proper look out* u ghalhekk habat mat-tower crane, il-qorti hija tal-fehma li l-konvenut ikkontribwixxa ghall-mewt ta' l-istess Sammy Spiteri. Ghalkemm irrizulta li t-tower crane kellu dawl li kien ipetpet u kien jidher, biss pero' kieku kien imdawwal aktar hemm il-possibilita' li Sammy Spiteri kien jinduna qabel bit-tower crane. Fuq bazi ta' probabilita' anki sewwieq li kellu kontroll shih tal-vettura tieghu u li kien qieghed isuq in osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kien isib diffikulta' biex jilmah it-tower crane *a debita distanza.* Tower crane bhal dak inkwistjoni jehtieg li jkun aktar imdawwal sabiex utent tat-triq jarah sew. L-istess jinghad ghal nuqqas ta' senjaletika li f'dan il-kaz kienet inezistenti. In-nuqqas ta' barriers u nuqqas ta' *solid barrier* (bhal tal-konkrit) li ticcirkonda u tipprotegi l-bazi ta' l-istess crane setghet wasslet ghall-konsegwenzi aktar serji. Kif irrizulta din it-triq hija wahda traffikuza w allura l-armar ta' ostakolu fit-triq ried isir b'aktar attenzjoni u responsabilita'.

Ghalhekk il-qorti tqis li Sammy Spiteri u Baskal Saliba kkontribwew ghall-incident b'mod ugwali ossija nofs bin-nofs.

<u>Danni</u>

Huwa principju generali illi kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Art. 1031). Il-ligi tistabilixxi l-principji ta' kif il-hsara ossia danni subiti, ghandhom jigu likwidati, sew fil-kaz ta' debilita` permanenti sew fil-kaz ta' mewt u dan skont ma hemm provdut fl-Artikoli 1045 u 1046 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1045(1) jghid hekk:

*"Il-hsara li persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba nkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."*

Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 ikompli jghid li:

*"Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita tigi stabbilita` mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

<u>Damnum Emergens</u>

L-atturi qeghdin jitolbu l-ispejjez funerarji. Globalment dawn jammontaw ghall-ammont ta' €1,933.08 kif spjegati fl-affidavit u kif jirrizultaw mill-ircevuti ezebiti. Qeghdin jitolbu wkoll €50 bhala nefqa ghat-towing tal-vettura ta' Sammy Spiteri. Tali ricevuti ma gewx kontestati.

<u>Dizabilita'</u>

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju illi d-dizabilita' hija ta' mija fil-mija stante illi fl-incident *de quo* Sammy Spiteri tilef hajtu.

<u>Lucrum Cessans</u>

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Borg et vs Curmi**[27]:

*"Imbaghad naraw li l-Artikolu 1046 jirregola d-danni li ghandhom jinghataw lill-werrieta tal-parti li tmut billi jipprovdi li:-*

*"Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali kkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita` totali ghal dejjem, <u>skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan.</u>" [enfazi tal-qorti]*

*Minn dan naraw li d-danni f'kaz ta' mewt li jigu likwidati favur il-werrieta huma regolati u likwidati bl-istess mod bhad-danni li jinghataw lil dik il-parti li tkun sofriet il-hsara li, in realta`, huma danni reali konsistenti f'telf attwali li, fl-ahhar mill-ahhar, huma dejjem soggetti ghad-diskrezzjoni tal-gudikant li, pero`, ghandu jiehu in konsiderazzjoni, f'kaz li d-danneggat jibqa' haj, "ix-xorta u grad ta' inkapacita`" li dik il-persuna tkun sofriet. Naturalment f'kaz ta' mewt, il-grad ta' inkapacita` dejjem tkun meqjusa bhala wahda "totali".*

*Rinfaccjati b'dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi li jistabilixxu l-qafas ta' dak li ghandu jirregola l-likwidazzjoni tad-danni, il-qrati taghna holqu gurisprudenza li mhux biss tirrendi l-applikazzjoni tal-parametri msemmija fl-artikoli fuq riporti aktar manegevoli izda, kemm jista` jkun, naqqset l-element diskrezzjonali tal-Qorti nnifisha biex jigu evitati diskrepanzi bejn diversi sentenzi li jkun ttrattaw l-istess materja. Din is-sistema hija dik komunement maghrufa bhala il-"multiplier system". Permezz ta' din is-sistema d-danni f'kaz ta' dizabilita` permanenti jigu komputati billi jigi mmultiplikat is-salarju (wara li jittiehed kont tal-inflazzjoni) bin-numru ta' snin lavorattivi li d-danneggat ikun fadallu. Dan stabbilit il-Qorti tghaddi biex tiehu percentwali minn dan l-ammont skont l-inkapacita` ghal dejjem li ddanneggat jigi akkordat mill-esperti medici, u mir-rizultat*

[27] App. Civ. Nru: 963/2004 deciza fl-24 ta' Frar, 2012

*tnaqqas ammont minhabba l-fatt li l-quantum ikun ser jithallas f'daqqa. Fil-kaz ta' mewt il-qrati wkoll hasbu biex jitnaqqas certa percentwali mill-ammont finali likwidat skont ma nghad hawn fuq, biex jaghmel tajjeb ghall-konsum li d-decujus ikun ghamel kieku baqa' haj.*

*Mal-moghdija taz-zmien il-gurisprudenza nostrana bdiet tintroduci certa principji ohra biex tirrendi l-likwidazzjoni tad-danni mhux biss aktar realistika izda wkoll, f'certa kazi, aktar accettabbli mill-punto di vista tad-danneggant. B'hekk naraw li l-gurisprudenza bdiet tgharaf li persuna mhux necessarjament tghix is-snin kollha tal-hajja lavorattiva billi skont "ic-chances and changes of life" persuna tista' ma tibqax tahdem ghar-ragunijiet kompletament indipendenti mill-incident li jkun wassal ghall- proceduri "de quo". Kien ghalhekk li l-"years purchase" kif inhuma maghrufa dak in-numru ta' snin bejn l-eta` li kellu l-korrut fid-data tal-incident sa meta dan jibqa' jew hu mistenni li jibqa' jahdem, bdew isofru certa tnaqqis bir-rizultat li d-danni finali kienu qed jigu ridotti. Hemm gurisprudenza ohra li tirritjeni li, f'kaz li l-kawza ddum ma tinqata' u b'hekk id-danneggat idum ma jircievi l-kumpens dovut, it-tnaqqis li jsir minhabba l-fatt li l-pagament ser jsir f'daqqa, ghandu jew jigi ridott jew sahansitra eliminat kompletament, specjalment meta d-dewmien ikun tort tal-konvenut. Fl-ahharnett insibu wkoll li f'kazi ta' danni dovuti minhabba mewt gie ntrodott l-element ta' "dependency" u cioe` li d-danni akkordati lill-werrieta jirriflettu l-grad ta' dipendenza li l-werriet kellu mad-decujus. Ghalhekk meta l-werriet ikun iben il-mejjet il-grad ta' dipendenza jkun ovvju u dirett – f'liema kaz l-ammont li jitnaqqas ikun minimu jew xejn. Mentri jekk il-mejjet ikun guvni u l-werriet qatt ma kien jiddipendi ghall-ghejxien tieghu fuq id-decujus ezempju jkun hu jew oht il-mejjet b'familja indipendenti u jghix ghar-rasu, allura jitnaqqas certa percentwali minhabba dan in-nuqqas ta' dipendenza".*

<u>Multiplier</u>

Illi l-vittma kellu 23 sena meta miet u ghalhekk kien fadallu 42 sena xoghol sakemm jirtira bl-eta' ta' 65 sena.

Ghar-rigward tal-multiplier, fis-sentenza fl-ismijiet **M'Assunta Zerafa et vs Freeport Terminal et**[28] gie ritenut is-segwenti:

*"Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Kevin Mallia vs Alfred Mizzi & Sons (Marketing) Limited"** (P.A. (TM) – 9 ta' Ottubru 2003) inghad li:-*

*"Ghar-rigward tal-multiplier, il-mod ta' likwidazzjoni tad-danni adoperati sallum mill-Qrati taghna kienet dik stabbilita' fil-kawza "Butler vs Heard", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza ntqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni ic-"chances and changes of life", b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in konsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sal-eta' tal-pensjoni.*

*Il-figura adoperata bhala l-multiplier kienet tigi mizmuma moderata u bhala regola, il-Qrati ma kienux juzaw multiplier ghola minn 20. Hekk, per ezempju, fil-kawza "Butler vs Heard" stess il-multiplier adoperat kien ta' 15-il sena ghal tappezzar ta' 22 sena u fil-kawza "Dalmas vs Ghigo" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Frar, 1980, gie adoperat multiplier ta' 20 ghall-persuna ta' 33 sena.  Fil-kawza "Gauci vs Xuereb" deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Ottubru, 1970, gie adoperat multiplier, ta' 15 ghall-persuna li kellha 24 sena fid-data tal-incident, u fil-kawza "Camilleri vs Polidano" deciza wkoll minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1982, gie uzat multiplier ta' 18 ghal wiehed li kellu 28 sena. Il-preokkupazzjoni tal-Qrati kienet riflessa b'mod car mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Lambert vs Buttigieg" deciza fit-18 ta' April, 1963, fejn gie osservat li*

[28] Cit Nru: 425/04RCP deciza fis-7 ta' Frar 2012

*"f'din il-materja ta' "lucrum cessans" il-Qorti ghandha tipprocedi f'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilita' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat".*

*Illi fuq il-bazi ta' dak li gie deciz fis-sentenza **"Kevin Zammit vs Maltapost plc"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Mejju 2011) jinghad li skond il-gurisprudenza prevalenti l-multiplier uzat ma jiehux in konsiderazzjoni l-aspettativa tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha (**"John Ransley vs Edward Restall et"** – P.A. (LFS) 10 ta' Mejju 2005); izda li jittiehed kont tal-eta' u fatturi ohrajn minhabba diversi kontingenzi tal-hajja jittiehdu numru ta' snin u f'dan il-kaz il-multiplier huwa normalment anqas mill-aspettativa tal-hajja lavorattiva **("Annunziata Caruana vs Odette Camilleri"** A.C. - 27 ta' Frar 2004) u hawn issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Diane Chircop vs Angelo Cassar"** (P.A. (LFS) – 15 ta' Gunju 2009), fejn gie indikata skeda ta' multipliers skond l-eta` tal-vittma, u dan bil-ghan illi jkun hemm certu uniformita` f'kazijiet simili".*

Skont din l-istess skeda, ghall-persuna li jkollha bejn 21 u 25 sena fiz-zmien li sofriet id-danni ghandu japplika multiplier massimu ta' 35 sena. Dan huwa konformi mal-gran parti tal-gurisprudenza stabbilita', tenut kont l-eta' pensjonabbli u l-kontingenzi tal-hajja din il-qorti se tapplika multipliet ta' 35 sena.

<u>Salarju</u>

Illi Sammy Spiteri kien jahdem fil-gebel.Theresa Spiteri xehdet li kien ilu madwar sentejn u nofs jahdem ma' certu Raymond Vella. Dan Raymond Vella xehed[29] li Sammy Spiteri kien jithallas bil-gurnata u kien jithallas Lm19 ghal kull gurnata. Kien gieli jhallih bhala foreman u kien jaghtih xi haga zejda. Qal li hadem mieghu bejn sena u nofs u sentejn u kien imur ghax-xoghol kuljum. Kien registrat bhala haddiem tieghu u kien jaqtaghlu Lm26 bolla fix-xahar.

---

[29] Fis-16 ta' April 2010 a fol. 54 tal-process

Illi l-omm ezebit kopja tad-dhul ta’ Sammy Spiteri mahruga mid-dipartiment tat-taxxi[30] u l-qorti se timxi fuq dan id-dokument li huwa dokument ufficjali sottomess mill-eredi ta’ Sammy Spiteri. Minn dan jirrizulta li gie dikjarat li ghad-dhul ghas-sena bazi 2007 kien ircieva l-ammont ta’ Lm2,570 b’total ta’ hlas u krediti tat-taxxa ta’ Lm12. Dan kien id-dhul tas-sena meta sehh l-incident. Kwindi l-ammont indikat jirreferi ghal 9 xhur u dan in vista li l-incident sehh fil-bidu ta’ Ottubru 2007. Kwindi mill-kalkoli li jistghu jsiru jirrizulta li Sammy Spiteri kien jircievi l-ammont ta’ Lm285 kull xahar. Jekk dawn jinhadmu ghal sena shiha, bejn wiehed u iehor, Sammy Spiteri kien jircievi l-ammont ta’ Lm3,425 fis-sena. L-ammont ta’ Lm3,425 huwa ekwivalenti ghas-salarju gross ta’ €7,978.

L-ammont ta’ Lm50 li ssemma mill-omm ma giex sostanzjat ghalkemm Raymond Vella xehed li kien jaghtih xi haga zejda il-qorti se tarrotonda ghal €8,500.

Normalment il-paga minima nazzjonali titla’ b’€303.78 kull sena. Jekk wiehed jimmoltiplika dan l-ammont ghal 35 sena tfisser zieda ta’ €303.78 x 35 = €10,632.30.

Kwindi l-medja tas-salarju fid-data ta’ l-incident ghandu jkun (€8,500 + €19,132.30[31] /2) €13,816.15

<u>Kalkolu tad-danni</u>
€13,816.15 x 35 x 100% = €483,565.25

Jifdal issa l-kwistjoni jekk ghandux ikun hemm xi tnaqqis. Din il-qorti tibda biex tirrileva li taqbel ma’ dak ritenut fis-sentenza fuq citata fl-ismijiet **Borg et vs Curmi**[32]. F’din l-istess sentenza l-Qorti ta’ l-Appell irriteniet:

*“Din il-Qorti tosserva li, kif sewwa rrilevaw l-atturi appellati, il-kuncett ta’ “dependency” ma nsibuhx fil-ligi taghna. Infatti, kif rajna aktar ‘il fuq, f’kaz ta’ mewt, id-danni dovuti lill-werrieta jigu komputati bhal fil-kaz ta’ “inkapacita` totali*

[30] Dok D a fol 24 tal-process
[31] €10,632.30 + €8,500
[32] App. Civ. Nru: 963/2004 deciza fl-24 ta’ Frar, 2012

*ghal dejjem" skont id-disposizzjoni tal-Artikolu 1045 tal-Kap. 16. Ghalhekk, f'kazi ta' mewt, il-ligi trid li l-eredi jinghataw dak it-telf effettiv li jkun sofra d-decujus, daqs li kieku qed jippercepih id-danneggat, konsistenti fi (1) spejjez necessarji, (2) it-telf ta' paga jew qliegh iehor attwali u (3) it-telf ta' qliegh li tbati (il-persuna inkapacitata) 'il quddiem minhabba nkapacita` ghal dejjem, hlief li fil-kaz ta' mewt l-inkapacita` tigi kunsidrata bhala wahda totali. Il-ligi ma ssemmi ebda tnaqqis minhabba dipendenza jew l-assenza ta' din, izda ssemmi biss eredi.*

*B'dan kollu din il-Qorti tapprezza u tifhem li biex issir gustizzja kemm mad-danneggat u mad-danneggant trid tigi ezercitata dik id-diskrezzjoni li l-Artikolu 1045 jaghti lill-gudikant. Altrimenti jigri li jigi znaturat il-kuncett ta' "restitutio in integrum" li l-Artikoli 1029 et sequitur qed jipprovaw ireggu".*

F'dan il-kaz Sammy Spiteri kien guvni u ma jirrizultax li l-atturi kienu dipendenti fuqu u ghalhekk ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 33%.

Oltre' dan in linea mal-gurisprudenza referenza ssir ghall-precitata sentenza fl-ismijiet **M'Assunta Zerafa et vs Freeport Terminal et**[33] fejn il-qorti rreferiet ghall-kawzi **Anthony Turner et vs Francis Agius et**[34] u sussegwentment **Mario Mizzi vs Paul Genovese et**[35] minn fejn jirrizulta li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell **i**kkonfermat ukoll li ghandu jsir tnaqqis ghall-konsum misthajjel jew personal consumption u cioe' dak li l-vittma kien jikkonsuma jew jonfoq mill-kapital likwidat.

Il-qorti tqis li ghandha tnaqqas 25% bhala 'own consumption'.

B'referenza mbaghad ghall-kwistjoni li se ssir *lump sum payment,* fis-sentenza fl-ismijiet **James Spiteri vs Joseph Magro et**[36] dwar dan il-punt intqal:

---

[33] Cit Nru: 425/04RCP deciza fis-7 ta' Frar 2012
[34] App Civ deciz fit-28 ta' Novembru 2003
[35] App Civ deciz fit-3 ta' Marzu 2006
[36] Rik Nru: 80/2010LFS deciz fl-24 ta' Jannar, 2011

*“L-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-lump sum payment b’ammont ekwivalenti ghal 20% meta jkun ghadda zmien qasir mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta’ Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta’ Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta’ dewmien. Gie wkoll propost li m’ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza: “jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m’ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction” – **Agius vs Fenech** 29 ta’ Ottubru, 2003. ”*

*Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b’10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-Ott-2003, 5% f’**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f’**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena”.*

Fil-kaz in ezami l-incident gara fis-7 ta’ Ottubru 2007 u s-sentenza qeghda tinghata kwazi 6 snin wara. Fil-fehma tal-qorti jrid ikun hemm tnaqqis ta’ 10%.

Ghalhekk mis-somma ta’ €483,565.25 ghandu jitnaqqas 25% own consumption, 33% minhabba nuqqas ta’ dipendenza u 10% minhabba li se ssir lump sum payment. Dan iwassal ghall-ammont ta’ €218,692.39.

Peress li l-qorti ddecidiet li Sammy Spiteri kien jahti inkwantu ghal nofs ghall-akkadut. L-ammont dovut mill-konvenut ghandu jkun in-nofs u kwindi l-ammont ta’ €109,346.19.

Oltre’ dan l-ammont il-konvenut ghandu jhallas ukoll nofs l-ammont tad-damnum emergens li jigi l-ammont ta’ €966.54.

Ghal dawn il-motivi din il-qorti taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara illi ghar-ragunijiet fuq spjegati ghall-incident de quo kienu jahtu nofs bin-nofs Sammy Spiteri u l-konvenut;

2. Tillikwida ghalhekk l-istess danni, kemm materjali kif ukoll fi kwalita’ ta’ lucrum cessans, sofferti mill-istess atturi u kkagunati mill-istess konvenut minhabba l-incident hawn fuq imsemmi kif fuq deciz fl-ammont ta’ mija u ghaxart elf ewro tliet mija u tnax u tlieta u sebghin centezmu (€110,312.73);

4. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-atturi d-danni sofferti fl-ammont ta’ mija u ghaxart elf ewro tliet mija u tnax u tlieta u sebghin centezmu (€110,312.73) bl-imghax legali jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza.
Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali tal-4 ta’ Marzu 2008 u 25 ta’ Awwissu 2009 ikunu a karigu ta’ l-atturi u l-konvenut inkwantu ghal nofs bin-nofs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------